MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2010

Numru. 696/2010

**-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**James Grima ta' 44 sena, bin John Mary u Guseppa nee` Camilleri, imwieled Pieta` fl-20 ta' Gunju, 1966, residenti f'51, Triq Raddet ir-Roti, Tal-Wej, Mosta, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 339666(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat James Grima li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Novembru, 2009, u fil-jiem , ix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gw mghamula b'rizoluzzjoni wahda, ta ordni lil Victor Attard, propjetarju u tester ta' *Power Wagon Garage* fis-Siggiewi, jew b'xi mod li jkun

xjentement, ghen jew assista lill-istess Victor Attard, propjetarju u tester ta' *Power Wagon Garage* fis-Siggiewi, fl-atti illi bihom dan, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe certifikati tal-VRT foloz;
kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ta ordni lil Victor Attard propjetarju u tester ta' *Power Wagon Garage* fis-Siggiewi, jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-istess Victor Attard, propjetarju u tester tal-*Power Wagon Garage* fis-Siggiewi, fl-atti li bihom dan, bhala operatur jew persuna li kellu licenzja biex jittestja, hareg certifikati li kienu juru li l-vetturi ghaddew mit-test meta l-istess vetturi ma kienux gew ittestjati;

kif ukoll talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza mghotija mil-Qorti tal-Magistarati (Malta) datata 6 ta' Gunju, 2007

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja tas-26 ta' Mejju, 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-pieni;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fl-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija w il-fedina penali kwazi nadifa tal-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42(a)(d) u188 tal-Kapitolu Ligijiet ta' Malta, Regulation 25(b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 u Section 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hati tal-akkuz migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum, kif ukoll qed jigi ikkundannat ihallas multa ta' elf euro (€1,000) li ghandha tithallas f'ghaxar (10) rati mensili ta' mitt euro (€100) il-wahda b'ewwel pagament dovut fl-ahhar ta' Ottubru, 2010.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kundizzjon.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------